MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 277/2008

**GO p.l.c. C-22334**

**vs**

**Maria Assunta Zammit ID 235536M**

**It-Tribunal,**

**Ra** li f'dan l-Avviz is-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenuta hlas ta' €1280.39c in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numru 21640298 u 21640212 (AC 40003427 u 40002162 rispettivament). Mal-AVVIZ hemm esibiti l-kontijiet relativi IZY 1 sa 6. Kif ukoll FTEHIM u TALBA ghal XOGHOL.

Billi, minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenuta baqghet inadempjenti; kellha ssir il-kawza prezenti. Bl-ispejjes, u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

**Ra** r-RISPOSTA tal-konvenuta li fiha qalet li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi hi m'abbonat qatt ghal servizz telefoniku.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici

**<u>PROVI</u>**

A1 **<u>Dr. Ingrid Zammit Young</u>** ghas-socjeta' attrici kkonfermat id-dokumenti esibit mal-AVVIZ.

B1 **<u>Lilian Grixti</u>**, bint il-konvenuta, xehdet li ommha toqghod 93, Annunciation Street, Santa Venera u f'dan l-indirizz qatt ma kellha telefon. Ommha qatt ma rceviet kontijiet apparti dak esibit mal-AVVIZ.

2 Ziedet:

"L-indirizz Palms, Flat 2, Triq Farrugia, Zurrieq ommi qatt ma kienet toqghod, lanqas ma naf min jghix f'dik ir-residenza. Il-mobile number 99242426 jien ma nafx ta' min hu. L-ID card tal-mama tieghi huwa 235536M kif indikat fid-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici. Appena l-mama irceviet il-kont esebit mal-avviz mill-ewwel kellimnna lill-avukat".

C F'dan l-istadju, fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2010, gie verbalizzat hekk:-

"Dr. Luciano Busuttil nforma lit-Tribunal li Simon Zammit kien ammetta mieghu li kien hu responsabbli sabiex ihallas l-ammont riklamat f'dan l-avviz u talab li jikkjama in kawza lill-istess Simon Zammit".

"It-Tribunal jilqa t-talba u jordna l-kjamata in kawza ta' l-istess Simon Zammit bi spejjez ta' notifika a karigu tal-konvenuta".

D1 Fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2011 dehret biss Dr. Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici u gie verbalizzat hekk:-

*Il-kawza tibqa ghall-ahhar darba ghan-notifika tal-kjamat in kawza bl-intendiment car li jekk dan ma jsirx*

*sad-differiment li jmiss it-Tribunal iqis il-provi tal-konvenuti jkunu maghluqa u l-kawza tigi differita ghas-sentenza ghat-3 ta' Marzu 2011.*

2 Fl-atti tal-kawza, fejn hemm registrat il-verbal imsemmi, insibu miktub hekk: visto (firma ma tingharafx) ghal Dr. L. Busuttil – 14.01.11

3 Fl-udjenza tat-3 ta' Marzu 2011 ma deher hadd u l-kawza baqghet ghas-sentenza in difett ostaklu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-TRIBUNAL iqis hekk:-

1. Is-socjeta' attrici pprezentat lista ta' kontijiet in sostenn tal-*quantum* mitlub u dawn gew imwettqa bix-xhieda ta' Dr. Zammit Young. Mal-kontijiet, u similment imwettqa hemm il-FTEHIM ghal servizz telefoniku li jgib il-firma ta' Sunta Zammit KI 235536M li hi l-konvenuta u hemm it-TALBA ghal XOGHOL similment firmat u datati rispettivament 09.05.02 u 03.04.03

2. Quddiem din il-prova, kien imiss lill-konvenuta li tirribattiha in sostenn tar-RISPOSTA taghha li hi qatt ma applikat ghas-servizz telefoniku msemmi. F'dan ir-rigward kulma ghandna hu dan:
a) Il-konvenuta la xehdet u anqas ressqet xhieda taghha b'affidavit bhalma talbet li taghmel u nghatat il-fakulta' li taghmel (ara *fol* 26 u 27)
b) Xehdet Lilian Grixti, bint il-konvenuta li qalet li ommha toqghod S. Venera u ommha qatt ma kienet toqghod fl-indirizz fejn nghata servizz telefoniku jigifieri Palms, Flat 2, Triq Farrugia, Zaurrieq. Ikkonfermat li l-KI ta' ommha hi 235536M
c) Fl-udjenza tad-19 ta' Jannar 2010 Dr. L. Busuttil ghall-konvenuta talab u nghata fakulta li jsejjah fil-kawza lil Simon Zammit u fl-udjenza ta' wara, tat-22 ta' Frar 2010 gie verbalizzat li "Simon Zammit kien ammetta mieghu li kien hu responsabbli sabiex ihallas l-ammont riklamat f'dan l-AVVIZ". B'danakollu s-sejha fil-kawza baqghet ma saritx.

3. Il-kawza thalliet ghall-lum (30 ta’ Mejju 2011) ghas-sentenza in difett ta’ ostaklu u fl-assenza ta’ ostaklu l-kawza qed tigi deciza billi t-TRIBUNAL ihoss li, fuq skorta tal-provi li ghandu quddiemu dak li qed titlob is-socjeta’ attrici hu soddisfacentement pruvat. Il-provi (jew ahjar, nuqqas ta’ provi) minn naha tal-konvenuta, ma jindebolixxux il-prova li ressqet is-socjeta’ attrici.

**<u>DECIZJONI</u>**

Meqjus dan kollu t-Tribunal jiddeciedi billi (1) jichad l-eccezzjoni tal-konvenuta u (2) jilqa t-talba attrici u (3) jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-socjeta’ attrici l-*quantum* mitlub ta’ elf, mitejn u tmenin Ewro u disgha u tlettin centezmi (€1,280.39c)

Il-konvenuta ghandha 30 jum biex thallas il-*quantum* imsemmi b’dana li f’nuqqas ta’ hlas jibda ghaddej l-imghax mill-31 jum il-quddiem sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes jithallsu mill-konvenuta u b’riserva ta’ kull dritt lilha spettanti *si et quatenus*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------